MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2004

Numru. 358/2003

Il-Pulizija
(Spettur Mario Bonello)
vs
Anthony maghruf bhala Antoine Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Anthony maghruf bhala Antoine Camilleri, detentur tal-karta tal-idenita bin-numru 520375(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fit-8 ta' Novembru 2002 ghall-habta tad-9.00p.m. fil-Hamrun :

1. volontarjament kiser il-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;
2. ingurja u / jew hedded lil huh Marco Camilleri, Rita Camilleri u Antonia Grech bi kliem;
3. qal kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
4. hebb ghal Marco Camilleri, Rita Camilleri u Antonia Grech sabiex jingurjahom, iddejjaqhom, jew jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor.

5. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin (LM50), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (LM500) ghad-detriment ta’ Antonia Grech mill-Hamrun;
6. Hebb ghal Marco Camilleri, Rita Camilleri, Kelly Camilleri u Antonia Grech u ikkagunalhom griehi ta’ natura hafifa skond kif iccertifika Dr J. Cassar M.D. tal-isptar San Luqa;

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra il-piena applikabbli, tapplika l-provediment ta’ l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta u dan ghas-sigurta tal-familja Camilleri u ta’ Antonia Grech;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volantarjament jirregistra amissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-10 ta’ Marzu, 2004;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu issibu <u>hati</u> ta’ dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 338 (b) (d), 339 (1) (e), 342, 338 (bb), 339 (1) (b), 325 (1) (d), 221 u 17 tal-Kap. 9. Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat obbliga ruhu f’dawn l-atti illi jhallas is-somma ta’ mija u sittin lira (LM 160), liema somma tirrapprezenta id-dannu illi sofriet Antonia Grech. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni u b’hekk evita illi issir il-kumpilazzjoni. Ghalhekk il-Qorti ma tarax illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara illi jkun ferm aktar ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba. Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap.

446 filwaqt illi tilliberah taghmel dan billi tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spejgat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

Finalment il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 u torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' multa ta' mitt lira (LM 100) ghall-perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum milli b'xi mod jimmolesta aktar lil Marco Camilleri, lil Rita Camilleri, lil Antonia Grech, jew lil Kelly Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------